**QORTI TAL-APPELL**

**Inferjuri Civili**

**(Foro Ghawdex)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 6/2018 JVC**

**Wara decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**datata 20 ta' Awwissu, 2020**

**Adam Debrincat**

**vs.**

**Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta**

**Illum 13 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva datata 20 ta' Awwissu, 2020 fejn it-Tribunal

ghadda sabiex jichad l-aggravji mqajjma mir-rikorrent kontra l-Awtorita' intimata w'ghalhekk cahad l-appell tar-rikorrenti bl-ispejjez a karigu tal-istess rikorrent.

2. Illi d-decizjoni appellata nghatat wara li l-appellant rikorrent Adam Debrincat ressaq rikors tal-appell quddiem it-Tribunal kif isegwi:

'Illi riċentament l-esponenti applika mal-awtorita' intimata għal C*ommercial Vessel Certificate*. Illi fl-1 ta' Novembru 2018 l-esponenti irċieva l-anness dokumentazzjoni mingħand l-Awtorita' intimata (dokumentazzjoni annessa u mmarkata "Dok. AD 1" u "Dok AD 2").

Illi hekk kif jirriżulta mill-anness, fuq il-*Commercial Vessel Certificate* ġew imposti bosta kundizzjonijiet.

Illi kundizzjoni numru 2 li tgħid "*when the vessel is moored and in operation a second crew member is to be on board*" tista' tinfthiem illi sabiex jopera l-opra tal-baħar de quo, din trid tkun bilfors marbuta ma irmiġġ.

Illi kundizzjoni numru 3 li tgħid "*water sport operations are to carried out solely from Ħondoq ir-Rummien*" qed tpoġġi lill-esponenti f'impossibilita' li jopera stante li jirriżulta li mhux vijabbli għal operat kummerċjali tiegħu li jopera biss minn ġewwa din iż-żona u allura din il-liċenzja mhu ser ikollha ebda utilita' prattika għalih.

Illi dawn il-kundizzjonijiet huma diskriminatorji, arbitrarji u jikkostitwixxu abbuż tas-setgħa u jmorru kontra l-liġi u kontra kull ċertezza legali.

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċizjoni u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-umili appell minn tali deċiżjoni quddiem dan it-Tribunal.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

i. Illi l-esponenti qiegħed jiġi restritt u limitat milli jopera ġewwa l-gżejjer Maltin mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida fil-liġi. Il-kundizzjoni fuq l-esponenti sabiex jopera biss minn ġewwa Ħondoq ir-Rummien hija waħda arbitrarja u mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali u qed tpoġġi lill-esponenti f'impossibilita' li jopera stante li jirriżulta li mhux vijabbli għall-operat kummerċjali tiegħu li jopera biss minn ġewwa din iż-żona u allura din il-liċenzja mhu ser ikollha ebda utiltita' prattika għalih. Huwa investa eluf kbar ta' ewro f'din l-opra tal-baħar wara ħafna sagrifiċċji finanzjarji u mhux ġust li l-Awtorita' intimata titfa' dan il-piż sproporzjonat fuq l-operat tal-esponenti;

ii. Illi l-esponenti jaf personalment b'opri oħrajn li joperaw attivitajiet kummerċjali simili ġewwa dawn il-gżejjer mingħajr ebda restrizzjonijiet simili għal dawk tal-esponenti. Dan ifisser li minbarra li l-kundizzjoni sureferita hija waħda arbitrarja, hija wkoll diskrimintaroja bi preġudizzju għalll-esponenti;

iii. Illi l-kundizzjoni numru tnejn sureferita' mhix ċara u tista'

tinftiehem li l-esponenti qiegħed jiġi obbligat li jopera l-opra tiegħu biss meta jkun marbut ma' irmiġġ. Jekk dan hu l-każ, l-esponenti jqajjem aggravju f'dan is-sens u dan peress illi huwa ma għandux jiġi kundizzjonat li jopera biss meta jkun marbut ma' rmiġġ. L-opra tal-esponenti tista' tiġi ġestita u operat kemm meta marbuta ma' rmiġġ u kif ukoll meta marbuta b'ankra mingħajr ebda detriment għas-sigurta.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti filwaqt li jirriżerva li jippreżenta provi ulterjuri in sostenn tas-suespost, jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jħassar u jirrevoka l-kundizzjonijiet numru "2" u "3" imposti fuq l-esponenti fil-*Commercial Vessel Certificate*" maħruġ mill-Awtorita' intimata.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' appellat.'

3. Rat li fir-risposta taghha lill-Awtorita' intimata appellata eccepiet kif isegwi:

'Illi di fatti, fuq talba tal-appellant, l-Awtorita' kienet irrillaxxjat *Commerical Vessel Certificate* għall-opra tal-baħar fuq imsemmija, proprjeta' tal-appellant, pero' l-istess ċertifikat allegatament – u dejjem skont l-appellant – jikkontjeni numru ta' kundizzjonijiet li huma diskriminatorji u/jew arbitrarji u/jew li jikkostitwixxu abbuż tas-setgħa u jmorru kontra l-liġi u kontra kull ċertezza legali;

Illi f'dan l-isfond, l-appellant ressaq tliet aggravji rispettivi li

jikkonsistu fis-segwenti:

4. L-esponenti qiegħed jiġi restritt u limitat milli jopera ġewwa l-gżejjer Maltin mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida fil-liġi. Il-kundizzjoni fuq l-esponenti sabiex jopera biss minn ġewwa Ħondoq ir-Rummien hija waħda arbitrarja u mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali u qed tpoġġi lill-esponenti f'impossibilita' li jopera stante li jirriżulta li mhux vijabbli għal operat kummerċjali tiegħu li jopera biss minn ġewwa din iż-żona u allura din il-liċenza m'hu ser ikollha ebda utilita' prattika għalih. Huwa investa eluf kbar ta' ewro f'din l-opra tal-baħar u wara ħafna sagrifiċċji finanzjarji u mhux ġust li l-Awtorita' intimat titfa' dan il-piż sproporzjonat fuq l-operat tal-esponenti;

5. Illi l-esponenti jaf personalment b'opri oħrajn li joperaw attivitajiet kummerċjali simili ġewwa l-gżejjer mingħajr ebda restrizzjonijiet simili għal dawk tal-esponenti. Dan ifisser li minbarra li l-kundizzjoni surriferita hija waħda arbitrarja, hija wkoll diskriminatorja bi preġudizzju għall-esponenti;

6. Illi l-kundizzjoni numru tnejn surriferita mhix ċara u tista' tinftiehem li l-esponenti qiegħed jiġi obbligat li jopera l-opra tiegħu biss meta jkun marbut ma' rmiġġ. Jekk dan hu l-każ, l-esponenti jqajjem aggravju f'dan is-sens u dan peress illi huwa ma' għandux jiġi kundizzjonat li jopera biss meta jkun marbut ma irmiġġ. L-opra tal-esponenti tista' tiġi ġestita u operata kemm meta' marbuta ma' irmiġġ u kif ukoll meta marbuta' b'anra mingħjar ebda dertiment għas-sigurta'.

Illi l-Awtorita' appellata umilment tirritjeni li l-aggravji tal-appellant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjon tal-appell, b'dan illi għandhom jiġu miċħuda għas-segwenti raġunijiet:

**1.0 L-eċċezzjonijiet tal-Awtorita'**

Illi preliminarjament u għal kull buon fini, l-Awtorita' appellata tirrikonoxxi li huwa minnu li hija ħarġet ċertifikat ta' *Commercial Vessel* li permezz tiegħu ġew imposti numru ta' kundizzjonijiet fuq l-opra tal-baħar mertu ta' dawn il-proċeduri (Nru. ta' reġistrazzjoni S201701), kif del resto tikkonferma wkoll.

Illi l-klawżola numra tnejn (2) tal-istess ċertifikat tistipula b'mod ċar illi tali opra jeħtieġ illi tkun irmiġġjata sabiex tkun tista' topera legalment, u ċioe ai termini tal-istess ċertifikat (vide **Dok. AD 1 u Dok. AD2** annessi mar-rikors ta'appell);

Illi tant sabiex jiġi spjegat il-kuntest tal-kwistjoni in diżamina, u kif diġa kienet għarrfet lill-appellant preċedentement, l-Awtorita' ttenni li l-kundizzjonijiet/restrizzjonijiet imposti minnha kienu intiżi *inter alia* sabiex l-opra tal-baħar *de quo* tkun tista' titħaddem skont il-liġi u b'mod sigur, kemm għal dawk il-persuni li talvolta jużaw tali opra u kif ukoll għan-navigazzjoni in ġenerali u għal terzi li jużaw l-ibħra, inkluż li:-

5.Skont il-manifattur tagħha, l-imsemmija opra ma' tistax tbaħħar bil-klijenti abbord, u trid dejjem tkun wieqfa u ċioe ankrata jew irmiġġjata sabiex titħaddem. **Dan għandu jsir f'ilma ta' fond ta'**

**mhux anqas minn erba' (4) metri** (*vide* **Dok. TM01** hawn anness);

6.Skont il-polza t'assigurazzjoni tal-opra in kwistjoni, it-tħaddim tal-istess opra tal-baħar għandu jkun **mhux aktar minn sebgħin (70) metru 'l bogħod mill-kosta** (*vide* Dok. **TM02**).

Illi kien proprju abbażi ta' dawn ir-raġunijiet illi ġie determinat li din l-opra tal-baħar għandha bżonn irmiġġ dedikat, kopert b'permess mill-Awtorita', għal kull lokalita' jew bajja fejn din beħsiebha li titħaddem;

Illi f'dan ir-rigward, fost korrispondenza kopjuża li l-Awtorita' kellha mal-appellant (*vide* e- mail datata t-13 t'April 2017 hawn anness u mmarkata bħala **"Dok. TM03"**), l-appellata kienet ġja infurmat lill-appellant illi minħabba l-użu prospettat tal-opra tal-baħar surriferita, u kif ukoll tenut kont tal-partikolarijiet tal-ibħra Maltin, l-ankraġġ jew irmiġġ tal-istess opra għandu jsir fejn hemm l-ilqugħ u l-kenn;

Illi inoltre, sabiex tiġi assigurata l-massima sigurta (u sabiex din ma tiġi preġudikata bl- ebda mod), ebda permess ta' rmiġġ ma kien sejjer jinħareġ f'bajjiet li jintużaw minn ħafna nies u li huma traffikużi u li fihom ikun hemm konġestjoni, jew inkella f'żoni fejn m'huwiex permess ankraġġ, bħal pereżempju f'żoni dedikati għall-għawwiema jew fil-kanali navigabbli;

Illi finalment, l-appellant kien saħansitra ġie nfurmat illi kwalunkwe permess ta' rmiġġ irid jiġi approvat mill-Awtorita' tar-Riżorsi Ambjentali (**"ERA"**), skont ir-regolamenti u l-pjanijiet

relattivi tal-ERA li jikkonċernaw l-ambjent marittimu. Minħabba kunsiderazzjonijiet ambjentali, dan kompla jillimita ż-żoni fejn l-opra tal-baħar tista' tintuża;

**2.0 L-aggravji speċifiċi tal-Appellant**

(i) Illi **l-ewwel aggravju** m'għandux jintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:

Illi magħdud dan kollu, u b'referenza partikolari għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-Awtorita' tispjega li l-appellant kien oriġinarjament indika diversi bajjiet minn fejn kellha topera l-opra tal-baħar *de quo*, liema siti ma ġewx approvati mill-ERA minħabba li ma kienux konformi ma' kundizzjonijiet, jew liema minnhom, dettaljati aktar 'l fuq f'din ir- risposta;

Illi tant hu hekk, l-ERA kienet approvat żona waħda biss, u ċioe' Ħondoq ir-Rummien, fejn seta' jinħareġ permess ta' rmiġġ, liema approvazzjoni kellha numru ta' kundizzjonijiet ulterjuri li l-appellant huwa ben konxju tagħhom;

Illi kien propju f'dan l-isfond li l-Awtorita' ma setgħet qatt tilqa' t-talba tal-appellant sabiex jopera minn siti jew żoni oħra, u dan għaliex il-kundizzjonijiet imposti mill-ERA kellhom jiġu rispettati u sodisfatti pjenament u dan fil-fatt ma kienx il-każ (*vide* **Dok. TM04** hawn anness);

Illi b'hekk l-Awtorita' tiċħad illi l-appellant qiegħed, b'xi mod jew ieħor, jiġi restritt milli jopera ġewwa l-gżejjer Maltin b'sempliċi kapriċċ kif tant ieħor topponi bil-qawwa illi d-deċiżjoni tal-istess

Awtorita' f'dan ir-rigward (sabiex l-appellant jopera l-opra mertu ta' dawn il-proċeduri limitatament f'Ħondoq ir-Rummien) hija waħda arbitrarja u mingħajr ġustifikazzjoni legali. Anzi, għall-kuntrarju, id-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata hija msejsa għal kollox fuq kunsiderazzjonijiet legali u applikazzjoni korretta tal-proċeduri amministrattivi relattivi li jaqgħu prettament fl-ambitu tal-poteri tal-Awtorita' għat- Trasport f'Malta;

Illi għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux li jintlaqa' u kwalisiasi argument li qed jittenta jagħmel l-appellant rigward investiment li dan seta' wettaq sabiex stabilixxa l-operat kummerċjali tiegħu huwa rrelevanti;

(ii) Illi **t-tieni aggravju** m'għandux jintlaqa għas-segwenti raġunijiet:

Illi b'referenza għat-tieni aggravju tal-appellant, filwaqt illi l-Awtorita' tiċħad l-allegazzjonijiet magħmula minnu, jingħad – mingħjar preġudizzju għall-bqija tal-kontenut ta' din ir-risposta – illi l-oneru tal-prova tibqa dejjem fuq l-appellant sabiex dan juri b'mod sodisfaċjenti li tassew, kif qiegħed jallega, operaturi oħra li jwettqu attivita kummerċjali identika għal dik prospettata mill-appellant qed jitħallew jeżegwixxu tali operat kummerċjali mingħajr restrizzjonijiet simili għal dawk imposti fuq l-appellant fil-każ odjern;

Illi hawnhekk l-Awtorita' appellata ttenni li l-kundizzjonijiet li hija mponiet fuq l-appellant la huma diskriminatorji u wisq anqas ġew imposti b'mod arbitrarju;

(iii) Illi **t-tielet aggravju** m'għandux jintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:

Illi fl-aħħarnett, b'referenza għat-tielet aggravju tal-appellant u kif ġia ngħad f'din ir-risposta, huwa minnu li l-permess bin-numru **TM/PYD90/01/224** jispeċifika illi *"when the vessel is moored and in operation a second crew memeber is to be on board"*. Fil-fatt tali restrizzjoni hija msejsa wkoll fuq *survey report* tekniku li kkonferma illi l-operat kummerċjali konċernanti l-opra tal-baħar tal-appellant kellu jitwettaq biss meta' l-opra tkun irmiġġjata (*vide* **Dok. TM05**), u dan għal raġunijiet ta' sigurta;

Illi di piu, l-appellant stess kien aċċetta l-impożizzjoni ta' din ir-restrizzjoni waqt laqgħa mal-Awtorita fl-10 ta' Mejju fejn ġie determinat illi l-opra tal-baħar in kwistjoni setgħet t'opera biss minn *fixed mooring locations.*

**3.0 Konklużjoni**

Illi għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-Awtorita' esponenti titlob illi l-appell imressaq minn Adam Debrincat jiġi miċħud u illi hija tiġi liberata mill-osservanza, bl-ispejjeż kontra l- istess appellant.'

4. Il-Qorti rat li fid-decizjoni appellata t-Tribunal ha in konsiderazzjoni x-xhieda kif isegwi:

'**Adam Debrincat** xehed li fl-2015 xtara dgħajsa mill-Amerka u ġiet tiswa ammont kbir ta' flus. Huwa applika għall-permessi minn Transport Malta. Spjega li din hija dgħajsa li fiha ż-żriezaq ġo fiha. Spjega li l-ewwel kien hemm problema mas-*CE certification* iżda din

id-dgħajsa ma kellhiex bżonn tali ċertifikazzjoni għax hija dgħajsa kummerċjali. Spjega li mbagħad l-Awtorita' intimata bdiet tqajjem kwistjoni fuq mażra jew ankra. Spjega li huwa xtaq li jankra bħal kull dgħajsa oħra. Il-kobor huwa ta' 40 pied. Spjega li dgħajjes ta' tmenin pied u li għandhom mitejn persuna fuqhom jistgħu jankraw u joperaw fejn iridu mingħajr ebda restrizzjoni.

Sostna li dawn id-dgħajjes huma simili għal dik tiegħu u jankraw fil-Blue Lagoon. Sostna li n-nies jaqbżu minn fuq is-saqaf tagħhom u għandhom żrieżaq minn fuq is-saqaf tagħhom għal gol-baħar. Sostna li tali dgħajsa tankra bħal ħaddiehor f'*anchorage area.* Sostna li biex titfa' ankra ma hemm bżonn l-ebda *no objection* mingħand ERA jew minn xi awtorita' oħra. Spjega li qabel ġab din l-opra tal-baħar huwa kien tkellem ma' Sharon Grillo, *commercial co-ordinator* ma' Transport Malta u mill-*emails* jirriżulta li din kienet ser tiġi kklassifikata bħala dgħajsa u taqa' taħt il-*commercial vessel certificate*. Spjega li dgħajsa b'tali ċertifikazzjoni tista' torbot b'ankra u b'mażra. Sostna li tista' torbot kif trid. Sostna li għandu tliet dgħajjes oħra b'tali ċertifikazzjoni u jista' jopera minn fejn irid u jibbukja n-nies minn 5 metri l-bogħod mid-dgħajsa. Spjega li għal din id-dgħajsa partikolari, inħarġet kundizzjoni li jopera minn Ħondoq biss għax hemmhekk ħareg l-irmiġġ. Spjega li din il-kundizzjoni hi ta' preġudizzju għax meta jkun grigal f'Ħondoq, huwa ma jistax jopera x'imkien ieħor.

Huwa sostna li Ħondoq hija bajja li tkun *busy* xi kultant iktar mill-Blue Lagoon. Sostna li dwar sigurezza, huwa responsabbli u jrid jara li kollox ikun sigur. Sostna li fil-Blue Lagoon, huwa ser ikun ġo

l-*anchorage area* u mhux ġol-*fairway*. L-*anchorage area* hija fejn tista' tankra biss mentri il-fairway huwa minn fejn id-dgħajjes jidħlu u joħorġu. Spjega li xi erba' jew ħames snin ilu, Transport Malta kienet ħarġet *pilot project* għal barkun li kien operat minn Sun and Fun Water Sports. Dan kien tefa' l-ankra fejn irid. Iżda l-proġett ma rnexxiex.

In kontroezami, ir-rikorrenti insista li ma kienx hemm bżonn *CE certificate* fir-rigward ta' din l-opra tal-baħar. Meta mistoqsi dwar id-dgħajjes li joperaw f'bajjiet diversi, ir-rikorrenti sostna li huwa jarahom joperaw minn Crystal Lagoon, Ħondoq u Santa Marija kif ukoll fil-Blue Lagoon. Sostna li fil-Blue Lagoon jankraw fuq l-ankra meta l-mażra tinqata. Sostna li ma hemm l-ebda restrizzjoni u tista' titfa' l-ankra ġo kull bajja. Spjega li l-proġett tal-barkun twaqqaf għax ma kienx ekonomikament vijabbli. Spjega li huwa jaf b'dan għaliex kien ħabib mal-persuna li kien tħaddem dan il-proġett tal-barkun.

F'seduta oħra, huwa ppreżenta ritratt bil-kulur tal-opra tal-baħar in kwistjoni. Sussegwentement, ir-rikorrenti reġa' xehed fejn qal li din l-opra tal-baħar għandha żewġ ankri imma huwa possibli li jiżdiedu l-ankri anke sa ħamsa skont il-bżonn. Spjega li l-ankri jkunu qegħdin ġo kaxxi u jintużaw skont il-bżonn. Spjega li jekk dgħajsa għandha erba' kantunieri, huwa jista' jagħmel ankra f'kull kantuniera.

In kontroeżami, huwa kkonferma li waslet għandu diversa korrispondenza li huwa wkoll rrisponda. Ikkonferma li kien hu li ppreżenta *risk assessment report* lill-Awtorita'.

In rieżami, huwa spjega li kellu laqgħa waħda ma' l-Awtorita' minbarra l-*emails* skambjati. Qal li fil-laqgħa nfurmawh li għandhu bżonn mażra biex jopera. Sostna li huwa qatt ma ried mażra għaliex huwa ried ankra u għalhekk huwa qatt ma' applika għal mażra. Insista li biex titfa' ankra ma' għandekx bżonn permessi. Spjega li kull meta huwa semma li ried ankra, ir-rappreżentanti tal-Awtorita' nsistew li mażra aħjar.

**Franco Buttigieg** xehed li huwa uffiċjal tat-Transport Malta u ċioe' *Enforcement Officer* fuq l-art u fuq il-baħar. Qal li huwa jkun Kemmuna fix-xhur tas-sajf. Huwa għaraf id-dgħajjes li r-ritratti tagħhom ġew eżebiti mir-rikorrenti. Ikkonferma li dawn jidhru li huma l-Blue Lagoon. Ikkonferma li dawn id-dgħajjes joperaw kuljum minn Kemmuna. Ikkonferma li dan l-aħħar saru xi żriezaq u n-nies jinżlu minn fuqhom għal ġol-baħar. Dawn iż-żriezaq jintużaw kuljum meta jkun bnazzi. Huwa kkonferma li dawn iż-żriezaq iridu jittellgħu 'l fuq għax inkella d-dgħajsa ma timxix. Meta tkun wieqfa u jkun bnazzi, dawn jitniżżlu. Spjega li dawn jarmaw fil-*mooring area for commercial vessels*. Spjega li dawn id-dgħajjes jorbtu b'ċima minn fuq quddiem, jiġbduha u żewġ ħbula fuq wara għal mal-blat. Spjega li għandhom qishom konki tal-konkos telgħin u jixħtu l-ħabel ġo fiha.

In kontroeżami, ix-xhud spjega li huwa jikkontrolla lid-dgħajjes li jħottu fuq il-moll u li jinżamm l-ordni fuq il-moll. Spjega li joqgħod attent li ma jankrawx dgħajjes fil-*fairway.* Spjega li joqgħod attent li dgħajjes ma jkunux ġo *swimming zones* u jekk dgħajjes ikunu qed jinsaqu b'veloċita' eċċessiva. Huwa ma hux involut fuq

applikazzjoni ta' permessi ta' dgħajjes. Sempliċiment jarahom fuq il-post tax-xogħol. Spjega li fil-Blue Lagoon, kulħadd jorbot l-istess post. Spjega li d-dgħajjes jiġu fl-għaxra u nofs ta' filgħodu u jitilqu fil-ħamsa ta' wara nofsinhar.

**Joseph Muscat** spjega li huwa *enforcement officer* ma' Transport Malta fuq l-art u ġieli jkun Kemmuna wkoll. Spjega li jkun darbtejn fil-ġimgħa Kemmuna. Huwa għaraf id-dgħajjes li jidhru fir-ritratti eżebiti mir-rikorrenti. Spjega li huwa kien weġġa' f'inċident fejn intlaqat mill-ankra ta' dgħajsa li tidher f'wieħed mir-ritratti u ċioe' Sea Adventure. Spjega li din id-dgħajsa tintrabat fuq baga u mal-art. Ikkonferma li dawn id-dgħajjes għandhom żrieżaq li minnhom jinżlu n-nies għal ġol-baħar. Spjega li n-nies xhin jinżlu minnhom jiġu ġol- fairway. Spjega li huwa kemm-il darba kellem lis-sid ta' din id-dgħajsa. Spjega li dawn id-dgħajjes jorbtu ma' bagi fil-wiċċ u jużaw ankri ġewwa Kemmuna. Spjega li hemm il-*fairway*, u imbagħad hemm naha fejn jorbtu dgħajjes kummerċjali u naħa oħra fejn jorbtu dgħajjes oħra. Spjega li trid tħalli l-ispazju mis-*swimming zone* u tista' tankra.

In kontroeżami, huwa spjega li d-dgħajjes kummerċjali jorbtu mal-ħajt u mal-blat u għandhom bagi u ħbula mal-art wkoll. Qal li ġieli jitfgħu l-ankri wkoll. Ikunu marbuta mal-baga b'irmiġġ. Huwa ma jafx x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-liċenzja tad-dgħajjes.

In rieżami, huwa kkonferma li l-bagi ġieli jinqatgħu bil-maltemp. Huwa ċaħad li qatt ra l-opra tal-baħar magħrufa bħala Tarzan Boat tintuża f'Kemmuna.

**Kaptan Mario Grech** xehed fejn qal li huwa għandu l-kwalifika ta' *Class 1 Master Mariner*, Kaptan u għalhekk jista' jsiefer *unlimited.* Spjega li għandu *Master of Science Degree* f'*Maritime Safety Administration*. Huwa għandu esperjenza mat-transport Malta għal dawn l-aħħar 25 sena peress li huwa appuntat bħala *surveyor of ships*. Fuq din l-opra tal-baħar, huwa spjega li hija *an amusement platform*. Ġie nkarigat minn sidha biex jispezzjonaha. Spjega li xħin tkun qed tintuża bin-nies fuqha trid tkun wieqfa u ċioe' ma tistax tkun miexja. Dana peress li n-nies jgħumu magħha, jduru u jaqbżu. Biex tkun wieqfa meta tkun fil-baħar, din għandha tkun marbuta ma' rmiġġ, ma' baga jew anke ma' ankra. Din trid tintuża meta l-baħar ikun bnazzi u mhux fiċ-ċaqliq. Jew inkella trid tkun f'*sheltered bay.* Spjega li biex tkun marbuta, din tista' tkun ankrata jew tista' tkun ma' baga. L-importanti li kemm jekk marbuta ma' baga jew ma' ankra, il-magna tkun mitfija u ma tkunx qed tintuża.

Spjega li Transport Malta bħala regolatur għandha dritt li tagħmel *policies* u li tinfurzahom. Jekk Transport Malta qed tgħid li din l-opra tal-baħar trid tkun rmiġġjata, dan ifisser li qed jinsistu hekk. Spjega li mill-aspett tekniku, oġġettivament din l-opra tal-baħar trid tkun wieqfa u marbuta. Spjega li jekk hix marbuta ma' ankra jew ma' baga, fl-aħħar mill-aħħar baga hija biss ankra b'ħabel bil-baga fil-wiċċ. Muri Dok TM 04, huwa spjega li bil- kondizzjoni "*guests are only allowed on board when platform is moored securely at the designated Transport Malta Moorings*" ried ifisser li meta kkuntattjah il-klijent, huwa kien infurmah li kien ser ikollu *mooring* li ser ikun marbut magħha, u kien għalhekk li huwa niżżel din il-kundizzjoni. Dan kien

ser ikollu baga f'Kemmuna u għalhekk nizżel tali kundizzjoni. Sostna li skont il-permess, inħarġet baga f'Ħondoq iżda huwa ma jafx x'ġara. Sostna li bil-frażi "*Transport Malta Moorings*" ried ifisser post fejn tipparkja bastiment. Il-metodu ta' kif torbot lanqas tidħol daqshekk ġo fih teknikament. Spjega li dan ifisser li l-opra tal- baħar trid tkun qiegħda f'*designated area, designated morring* jew *designated parking spot*. Qabel li jekk it-Transport Malta iħallu lil opra tankra, din tkun tista' tankra. Spjega li jekk tmur l-Blue Lagoon, ikun hemm ħafna bastimenti jankraw. Spjega li l-Blue Lagoon huwa prattikament mdawwar kollu bagi ta' laneċ li jiġu hemmhekk bit-turisti. Sostna li huwa ma jafx jekk tali dgħajjes għandhomx permess jew le biex jorbtu ma' tali bagi. Sostna li jekk ikun hemmhekk b'dgħajsa, dawn id-dgħajjes jiġu jdoqqu l-horn u huwa jkollu jneħħi d-dgħajsa tiegħu.

In kontroeżami, huwa spjega li *designated mooring spaces* tiddeċidihom it-Transport Malta. Huwa ma jafx jekk l-Awtorita' għal Riżorsi Ambjentali għandhiex xi involvement f'tali deċiżjonijiet.

**Pauline Brincat Camilleri** rappreżentanta ta' ERA spjegat li f' Kemmuna ma nħareġ l-ebda permess ta' irmiġġ. Sostna li fejn jidħlu rmiġġi fiż-żona ta' Kemmuna, l-ERA trid toħroġ permess għas-sempliċi fatt li s-sit huwa Natura 2000. Huwa rikjest li jkun hemm permess min-naħa ta' l-ERA.

**Roderick Abdilla** in rappreżentanza ta' Transport Malta spjega li f' Kemmuna ma hemm ebda permess ta' irmiġġar jew bagi fil-Blue

Lagoon. Spjega li l-permess ta' *commercial vehicle* ma huwiex permess li jinħareġ għal xi żona partikolari fis-sens li bih tista' topera bħala operatur bil-*commercial vessel certificate*. F'Kemmuna ma hemm ħadd li jista' jirmiġġa. Huwa sostna li f'dan il-każ, Transport Malta ma esiġietx li l-opra topera bilfors minn Ħondoq jew bilfors minn irmiġġ. Id-dgħajsa titlob li tkun marbuta fissa. Intalab parrir mill-awtoritajiet oħra biex jiġi kkonstatat jekk jistax jinħareġ permess biex jirmiġġa f'Kemmuna iżda l-ERA spjegat li dan ma setax jinħareġ.

Mistoqsi minn fejn ġie konkluż li d-dgħajsa trid tkun marbuta ma' rmiġġ u mhux ma' ankra, huwa sostna li huwa l-kaptan il-persuna responsabbli li jiċċertifika id-dgħajsa x'għandha u kif għandha taħdem. Il-kariga tiegħu hija l-amministratur tal-irmiġġi fi ħdan Transport Malta.

**Dottor Robert Vassallo** spjega li huwa kkomunika mar-rikorrenti minn meta ġie biex japplika għal mażri, u attenda għal żewġ laqgħat flimkien ma' nies oħra fejn ġie diskuss il-permess. Spjega li skont l-*operating manual* tad-dgħajsa, din trid tkun ankrata jew irmiġġjata biex tiġi operata. Riedu li jinħareġ permess f'bajjiet Maltin li mhumiex traffikużi kif ukoll riedu jikkomunikaw ma' ERA fejn jista' jinħareġ permess minħabba r-restrizzjonijiet applikabbli. L-ERA infurmathom li l-permess jista' jinħareġ biss f'Ħondoq ir-Rummien. Bajjiet oħra min-naħa ta' l-Awtorita' kien ser ikun hemm restrizzjoni minħabba t-traffiku u l-użu tagħhom. Spjega li l-manifattur impona li d-dgħajsa trid tkun wieqfa u ma tistax tiġi navigata bil-passiġġieri. Kien hemm kundizzjoni fl-assigurazzjoni li

l-operat ma jsirx aktar minn sebgħin metru 'l bogħod mill-kosta. Wara li ttieħed kont ta' dawn il- konsiderazzjonijiet kollha, inħareġ il-permess għal Ħondoq ir-Rummien biss. Sostna li fuq ankra l-bastiment idur aktar mentri meta jkun immażżrat fuq mażżra, ikun aktar stabbli biex jiġi operat. Spjega li bastimenti oħra li għandhom żrieżaq huma differenti minn din l-opra tal-baħar, peress li dawn iż-żrieżaq huma temporanji u jitqabbdu biss waqt li jkunu ankrati u marbutin poppa l-art mal-kosta. F'dak l-istadju titqabbad iż-żurżieqa. Kif jerga' jbaħħar, iż-żurżieqa tinqala' u jbaħħar bla żurżieqa. Spjega li l-opra tar-rikorrenti hija platform bl-affarijiet fuqha mentri dawk il-bastimenti li semma r-rikorrenti huma bastimenti.

Ikkonferma li l-awtorita' kienet ħadet żball fuq *CE Markings* peress li dawn ma japplikawx għal bastimenti kummerċjali. Is-*CE marking* irid ikun għal *equipment* li hemm fuq iċ-ċatra. Iċċara li fuq Kemmuna kien hemm problema minħabba l-ERA. Spjega li Kemmuna hija maqsuma f'żona għall-għawwiema, żona fejn jitrakkaw il-bastimenti kummerċjali u żoni fejn jitrakkaw bastimenti li huma għal pjaċir. Fejn jitrakkaw il-bastimenti kummerċjali dawn jitrakkaw bl-ankra u jorbtu l-ħabel poppa l-art. Dgħajjes oħra f'żoni oħrajn jistgħu jankraw liberament bħala ankra.

In kontroeżami, huwa kkonferma li qabel ma' ttieħdet id-deċiżjoni, l-awtorita' ħadu l- kunsiderazzjonijiet kollha kemm tal-manifattur, tal-*ispecifications*, tal-assigurazzjoni u tal- ERA.

F'seduta oħra, huwa spjega li jokkupa l-kariga ta' *senior manager*

*affairs* fi ħdan id-Direttorat tal-Porting and Yachting u ilu f'din il-kariga għal dawn l-aħħar 4 snin. Spjega li fir-rigward ta' din l-opra tal-baħar, l-awtorita' rċeviet talba għall-applikazzjoni peress li sidha ried jaħdem biha b'mod kummerċjali. Din hija ċatra b'ħafna żrieżaq fuqha qisha fun park. Il-proċess kien li jiġu pprezentati diversi formoli tal-awtorita' flimkien mad-dokumenti fosthom appointment surveyor of ships biex b'hekk jinħareġ il-*commercial vessel certificate* li jkopri l-opra tal-baħar u *commercial vessel operator's license* li jkopri lill-operatur.

Spjega li l-għan aħħari tal-kundizzjonijiet li hemm huwa li l-Awtorita' tiżgura sigurta' ta' navigazzjoni u preservazzjoni tal-bon ordni fit-territorju Malti. Spjega li din hija l-ewwel darba li kellhom opra tal-baħar simili. Spjega li hemm dgħajjes b'numru ta' kundizzjonijiet bħal per eżempju dgħajjes tal-pass li ma jistgħux joħroġu barra l-port. Huwa mbagħad għadda biex spjega l-kontenut tal-korrispondenza li ġiet skambjata. Spjega wkoll li qabel ma jinħareġ permess għall-mażra, dejjem iridu jikkonsultaw ma' ERA. Sostna li d-dgħajjes li jkunu Kemmuna u li għandhom żrieżaq temporanji, jkunu marbuta minn quddiem jew minn wara mal-blat u bl-ankra. Dawn il-bastimenti jkunu stabbli għaliex marbuta mal-blat u bl-ankra.

**Sharon Grillo** spjegat li hija kellha l-kariga ta' *commercial vessel administrator*. Hija ħarġet il-liċenzja ta' l-operatur u ma kinitx involuta fil-każ.

**Raymond Brincat** spjega li hu *port inspector* mal-Awtorita' tat-

Trasport. Huwa iffirma l-*commercial vehicle certificate*. Spjega li huwa joqgħod fuq il-parir li jagħti s-surveyor li f' dan il-każ kien il-Kaptan Mario Grech.

In kontroeżami, huwa kkonferma li d-deċiżjoni trid tkun raġjonevoli. Spjega jekk ikun hemm id-dokumenti kollha meħtieġa u in regola, huwa jgħaddi biex jiffirma dan iċ-ċertifikat.'

5. Din il-Qorti tal-Appell rat li t-Tribunal ghamel il-konsiderazzjonijiet segwenti sabiex wasal ghad-decizjoni finali tieghu li jichad l-appell tar-rikorrent:

'Qabel xejn, dan it-Tribunal sejjer brevement jissottolinja s-segwenti prinċipji legali relatati ma' l-użu ta' diskrezzjoni amministrattiva f' każijiet bhal dawk in eżami.

F'Adriana Gatt Terribile vs Kunsill Lokali Għajniselem et deċiża fil-15 ta' April 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali qalet:

*"Il-Qorti m'għandiex id-dritt li tillimita l-operat ta' awtorita' jew* **tissindika l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva li ndubbjament għandha, diment li din id-diskrezzjoni tkun eżerċitata fil-limiti tal-liġi li bis-saħħa tagħha tkun qegħda tiġi eżerċitata.** *....[omissis] Insenjament li ġie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ David Axiaq vs l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku deċiża fl-14 ta' Mejju 2004: 'Il-Qorti f kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ma tistax tissostitwixxi ruħha għall-awtorita' li tkun u, per eżempju, tordna li tinħareġ il-liċenzja, li tkun u, per eżempju, tordna li tinħareġ il- liċenzja li tkun ġiet rifjutata mill-awtorita' kompetenti.' Fin-nuqqas il-Qorti tkun*

*qegħda tużurpa d-diskrezzjoni li tkun ingħatat lill-awtorita' bis-saħħa tal-liġi. Kieku din il-Qorti tagħmel mod ieħor ikun ifisser li qegħda tillimita l-operat tal-awtorita' tal-kunsill jew li tissindika diskrezzjoni amminisrattiva li m'hemmx dubbju li l-kunsill għandu,* **ovvjament diment li din tkun eżerċitata fil-limiti tal-liġi u r- regolamenti li in forza tagħhom ikun qiegħed jopera**." (enfażi miżjud mit-Tribunal)

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet Lawrence Borg noe v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta, Ċitaz. Nru. 2959/96 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2004, intqal li:

*"Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li l-awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari.* **Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil ta' l-ebda ħaddiehor jew bla ma poġġiet lilha nnfisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorità mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ.** *Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra ta' kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju. Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq*

*tad-diskrezzjoni.*

*Id-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi bona fide. Għalhekk filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m'huwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber tal-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnhom jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli. Il-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid- dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ iżjed milli dak li jaraw l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa."* (enfażi miżjud minn dn it-Tribunal)

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita' intimata komunikata lilu fl-1 ta' Novembru 2018 fejn ġie infurmat li l-*commercial vessel certificate* inħareġ soġġett għall-kundizzjoni enumerata '2' liema kundizzjoni tista' tinftiehem li sabiex jopera l-opra tal- baħar in kwistjoni din trid tkun bilfors marbuta ma' rmiġġ u għal kundizzjoni enumerata '3' liema kundizzjoni qed tpoġġi lir-rikorrenti f'impossibilita' li jopera stante li mhux vijabbli għal operat kummerċjali tiegħu li jopera biss minn ġewwa din iż-żona.

Ir-rikorrenti sostna li dawn il-kundizzjonijiet huma diskriminatorji, arbitrarji u jikkostitwixxu abbuż tas-setgħa u jmorru kontra l-liġi u kontra kull ċertezza legali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrenti sostna li l-ġustifikazzjoni tal-awtorita' intimata għall-impożizzjoni ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma:

1.L-Awtorita' tgħid li minħabba s-sigurta' fl-operat l-istess opra tista' biss topera meta tkun marbuta ma' rmiġġ;

2.Ġia la darba l-opra trid tkun marbuta ma' irmiġġ, l-istess irmiġġ irid ikun kopert b'permess mingħand l-ERA; u

3. Ġia la darba l-ERA ħarġet biss permess ta' rmiġġ għal Ħondoq, din l-opra tista' topera biss minn hemm.

Fl-**ewwel aggravvju** mressaq, ir-rikorrenti sostna li l-kundizzjoni sabiex jopera biss minn Ħondoq ir-Rummien hija waħda arbitrarja u mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali. Din irrendiet lill-esponenti f'impossibilita' li jopera stante li mhux vijabbli għall-operat kummerċjali tiegħu li jopera biss minn ġewwa din iż-żona. Imbagħad fit-**tielet aggravvju**, ir-rikorrenti sostna li l-kundizzjoni numru tnejn (fejn hemm imniżżel li l-opra trid tkun *moored*) mhjiex ċara u tista' tinftiehem li r-rikorrenti huwa obbligat li jopera l-opra tiegħu biss meta jkun marbut ma' rmiġġ. Ġie sostnut li r-rikorrenti ma għandux jiġi kundizzjonat li jopera biss meta jkun marbut ma' rmiġġ, iżda l-opra tista' ukoll tintuża meta tkun marbut b'ankra mingħajr ebda detriment għas-sigurta. Ir-rikorrenti sostna li l-awtorita' intimata hija żbaljata in kwantu iddeċidiet li d-dgħajsa ma tkunx sigura meta tiġi operata minn fuq ankra.

L-Awtorita' intimata sostniet li tali kundizzjonijiet ġew imposti biex l-opra tal-baħar tkun tista' titħaddem skond il-liġi u b' mod sigur, kemm għall-persuni li jużaw tali opra u kif ukoll għan-navigazzjoni in ġenerali u għal terzi li jużaw l-ibħra.

It-Tribunal qies is-segwenti punti li jemanu mill-provi prodotti:

3.Skont il-manifattur ta' din l-*amusement platform*, din ma tistax tbaħħar bil-klijenti abbord u trid dejjem tkun wieqfa f' ilma ta' fond ta' mhux anqas minn erba' metri. (Vide Dok TM 01).

4.Skont il-polza ta' assigurazzjoni tal-opra, it-tħaddim tagħha għandhu jkun mhux aktar minn 70 metru 'l bogħod mill-kosta (Vide Dok TM02).

5.Kien in vista ta' dawn il-fatti li l-Awtorita' spjegat lir-rikorrenti li minħabba l-użu prospettat tal-opra tal-baħar, l-irmiġġ tal-istess opra għandu jsir fejn hemm ilqugħ u l-kenn u dan bil-għan li tiġi assigurata l-massima sigurta. (Vide Dok TM03).

6.L-awtorita' intimata kkonsultat ma' l-Awtorita' tar-Riżorsi Ambjentali (ERA) stante li kwalunkwe permess ta' rmiġġ irid jiġi approvat minnha. Dan kompla jillimita ż-żoni fejn l-opra tal-baħar tista' tintuża. In fatti, minkejja li l-Awtorita' indikat varji bajjiet, l-Awtorita' tar-Riżorsi Ambjentali approvat biss Ħondoq ir-Rummien bħala l-post fejn seta' jinħareġ permess ta' rmiġġ (Vide korrispondenza a fol 48). Għaldaqstant kien in vista tal-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorita' tar-Riżorsi Ambjentali illi l-intimata ma setgħet qatt tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex jopera minn siti jew żoni oħra.

v. Fis-*survey report* ippreżentat mill-istess rikorrenti, ġie mniżżel li l-operat kummerċjali konċernanti din l-opra tal-baħar kellu jitwettaq biss meta l-opra tkun rmiġġjata għal raġunijiet ta' sigurta: "*the*

*platform moored from designated anchorage buoys allocated by TM..."* (Vide Dok Tm05).

Ikkunsidrati dawn il-punti fid-dawl ta' l-atti kollha eżebiti u tax-xhieda prodotti kif ukoll fid-dawl ta' l-artikolu 6 tal-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola l-funzjoni, poteri u setgħa ta' l-Awtorita' intimata, it-Tribunal iqis li ż-żewġ kundizzjonijiet ossija li r-rikorrenti jopera din l-opra tal-baħar minn Ħondoq ir-Rummien biss u li tkun *moored,* mhumiex ta' natura arbitrarja u mingħajr ġustifikazzjoni legali. Dawn ma ngħatawx sempliċiment b'kapriċċ. Id-deċiżjoni ġiet imsejsa fuq applikazzjoni korretta tal-proċeduri amministrattivi relattivi fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' din l-opra tal-baħar.

In sostenn tat-talba tiegħu, ir-rikorrenti sostna li minn evalwazzjoni tax-xhieda mogħtija, il-kundizzjoni li tesiġi li d-dgħajsa tkun irmiġġjata u mhux ankrata hija msejsa fuq kundizzjonijiet irrelevanti u dan peress li l-Awtorita' ibbażat id-deċiżjoni tagħha kompletament fuq il-parir tal-kaptan Mario Grech li da parti tiegħu kkonferma li ma hemm ebda problema ta' sigurta' jekk din tkun operata meta marbuta ma' ankra u mhux ma' irmiġġ. Huwa minnu li mix-xhieda tal-Kaptan Mario Grech li rrilaxxja tali *survey report*, huwa niżżel din il-kundizzjoni stante li huwa ġie nfurmat mir-rikorrenti li huwa ser ikollu *mooring* ġewwa Kemmuna bħalma għandhom ċertu laneċ.

Madanakollu, huwa rilevanti li jiġi osservat li r-rikorrenti jidher li kien aċċetta l- impożizzjoni ta' din ir-restrizzjoni waqt laqgħa mal-

Awtorita' intimata fl-10 ta' Mejju 2017, hekk kif jirriżulta mill-kontenut ta' *email* misjub a fol 37 tal-proċess. Addizzjonalment f'*email* li kien bagħat ir-rikorrenti fis-6 ta' Ġunju 2017 lil ERA, dan kien iddikjara li huwa kien ser jopera biss bl-opra tiegħu *attached to the mooring and the stern will be attached to the shore*. Minkejja din il-korrispondenza, quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti insista li huwa qatt ma ried mażra u dejjem xtaq ankra iżda r-rappreżentanti ta' l-Awtorita' baqgħu dejjem isemmu u jinsistu fuq mażra.

It-Tribunal qies li fid-dokumenti eżebiti u sottomessi mill-istess rikorrenti lil Awtorita' intimata, ġie mniżżel il-kundizzjoni li din l-opra ser tkun *moored*. L-Awtorita' intimata ħadet id-deċiżjoni tagħha wara li kkunsidrat l-kundizzjonijiet kollha li jemanu mill-manifattur ta' l-opra kif ukoll mill-polza ta' assigurazzjoni rilaxxjata. It-Tribunal ma jqisx li l-Awtorita' intimata waslet għal tali deċiżjoni tagħha sempliċiment għax straħet fuq il- kontenut tas-*survey report* ippreparat mill-Kaptan Grech, iżda ħarset u evalwat il-kondizzjonijiet kollha relattivi għal dan il-każ tant partikolari. Fl-aħħar mill-aħħar, dan is- *survey report* huwa intiż biex jiċċertifika jekk l-opra hijiex tajba għal tbaħħir, ċioe' jekk hijiex *sea worthy* (vide Dok Tm 05 u xhieda mogħtija minn Dr Robert Vassallo fid-9 ta' Marzu 2020). In oltre, fi kliem l-istess Kaptan Grech, hija l-istess Awtorita' intimata li għandha s-setgħa li tagħmel il-*policies* dwar is-sigurta fil-kamp marittimu u li tara li dawn għandhom jiġu infurzati.

Jiġi osservat ukoll li minkejja li tressqu xhieda mir-rikorrenti biex jispjegaw dwar kif u fejn jittrakkaw opri tal-baħar f'Kemmuna, mix-

xhieda prodotta, jirriżulta li dawn it-tip ta' opri tal-baħar li jkunu kummerċjali (bħal dik in kwistjoni) għandhom jiġu marbuta f'żona partikolari apożita għal tali opri. Din l-opra tal-baħar partikolari ma tistax tankra f'tali żona meta jiġu meqjusa l-kundizzjonijiet kollha imposti sabiex tiġi operata tajjeb u b'mod sigur u kopert bl-assigurazzjoni din l-opra tal-baħar.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal iqis li fid-deċiżjoni tagħha, l-awtorita' intimata kkunsidrat il-fatturi kollha, żammet djalogu kontinwu mar-rikorrenti, qieset il-kontenut tad-dokumenti li deltronde ġew forniti mill-istess rikorrenti u kkonsultat ma' entitajiet oħra in konnessjoni ma' l-ambjent marittimu ai termini tal-liġi sabiex, imbagħad fil-parametri tal-poteri tagħha ħadet deċiżjoni fl-aħjar interess tas-sigurta' tar-rikorrenti, ta' l-opra tal- baħar in kwistjoni u ta' l-utenti kemm ta' din l-opra tal-baħar kif ukoll tal-baħar madwar l-istess opra.

Dwar imbagħad it-**tieni aggravvju** tiegħu, ir-rikorrenti sostna li hemm opri oħra li joperaw attivitajiet kummerċjali simili ġewwa dawn il-gżejjer mingħajr ebda restrizzjonijiet simili għal dawk imposti fuq ir-rikorrenti. Għalhekk, huwa insista li din il-kundizzjoni hija diskriminatorja bi preġudizzju għar-rikorrenti.

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti, l-opri tal-baħar indikati minnu ma għandhomx żrierżaq li huma fissi. Kif irriżulta mix-xhieda u kif seta' anke josserva dan it-Tribunal mir-ritratti eżebiti, dawn l-opri tal-baħar huma bastimenti li meta jbaħħru ma jkollhomx dawn iż-żrieżaq imwaħħla. Meta jkunu marbuta poppa l-art mal-kosta u kif

ukoll b'ankra, dawn jarmaw iż-żrieżaq, liema żrieżaq jitneħħew meta jkunu ser ibaħħru. Mill-provi migbura jirriżulta li din l-opra tal-baħar in kwistjoni għall-kuntrarju ta' dawn il-bastimenti l-oħra, hija f'forma ta' ċatra bi żrieżaq u *equipment* ieħor mwaħħal b'mod permanenti. Tant hu hekk li fl-istess Dok TM05 din l-opra tal-baħar hija deskritta bħala *amusement platform*. Hemm ukoll kundizzjonjiet li joħorgu mill-istess manifattur ta' din l-opra u mill- assigurazzjoni li japplikaw għal din l-opra tal-baħar in eżami. L-opra tal-baħar in eżami għandha kundizzjonijiet imposti bl-ispeċifikazzjoni tal-manifattur u l-assigurazzjoni tagħha li jagħmluha mpossibbli li din torbot bħalma jagħmlu dawn il-bastimenti li semma l-istess rikorrenti.

Għaldaqstant, it-Tribunal ma jqisx li dan l-aggravvju huwa wieħed fondat peress li hawnhekk qed nitkellmu fuq opra tal-baħar li hija partikolari u li ma tistax' tigi mqabbla ma' dawn il-bastimenti bi żrieżaq temporanji u mhux fissi li semma r-rikorrenti.'

It-Tribunal ghalhekk wara l-konsiderazzjonijiet suesposti ghaddha sabiex jichad l-appell intavolat quddiemu mir-rikorrent.

6. Il-Qorti rat li r-rikorrent appella mid-decizjoni tat-Tribunal suespost u ressaq numru ta' aggravji fil-konfront tal-istess fejn jallega apprezzament hazin tal-Fatti u tal-Ligi da parti tat-Tribunal. Fir-risposta taghha l-Awtorita' ma taqbilx mal-aggravji mqajjma mill-appellant, tichad li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi fid-decizjoni tieghu u tinsisti li mill-assjem tal-fatti

kollha fil-kaz odjern id-decizjoni taghha kienet wahda ragjonevoli w'korretta w'ghalhekk l-appell odjern ghandu jigi rifjutat.

7. Semghet it-trattazzjoni orali estensiv fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2020 u rat li l-appell gie differit ghad-decizjoni ghal-lum. Rat ix-xhieda, dokumenti, ritratti u provi kollha fl-atti.
8. L-Ewwel Aggravju:

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa principalment imsejjes fuq nuqqas ta' qbil tieghu mal-apprezzament ta' provi u ligi li ghamel it-Tribunal fid-decizjoni appellata u fih l-appellant iqajjem seba' punti fil-paragrafi numerati 1 sa 7 tar-rikors tal-appell. Kif isostni l-appellant l-appell tieghu jdur mal-imposizzjoni tat-tieni u t-tielet kundizzjonijiet fil-Licenzja mahruga lilu esebita a fol. 4 et. seq tal-process u li jaqraw kif isegwi:

'2. When the vessel is moored and in operation a second crew member is to be on board.
3. Water sport operations are to be carried out solely from **Hondoq ir-Rummien.'**

F'dan ir-rigward l-aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal ghamel apprezzament manifestament hazin tal-fatti u l-ligi ghaliex skont l-appellant naqas li jaghmel l-ezami dwar jekk l-imposizzjoni tal-kundizzjoni numru '2' hix ragonevoli u gustifikata. Dejjem skont l-

appellant la darba jirrizulta li l-kundizzjoni numru '2' mhux gustifikata jsegwi wkoll li t-tielet kundizzjoni mhiex gustifikata.

Principalment l-oggezzjoni tar-rikorrent hi li t-tieni kundizzjoni tesigi li l-appellant ikun jista' jopera biss meta l-opra tieghu tkun marbuta ma' irmigg/mazra. Jinsisti li l-Awtorita' appellata hija zbaljata in kwantu ddecidiet li d-dghajsa in kwistjoni ma tkunx sigura meta tigi operata minn fuq ankri biss.

Dwar dan l-aggravju l-appellant jaghmel referenza ghal bosta xhieda fosthom ta' Dr. Robert Vassallo rapprezentant tal-Awtorita', Ray Brincat u tal-Kaptan Mario Grech li gie mqabbad minnu stess sabiex johrog certifikat ta' 'seaworthiness' ghall-opra tal-bahar in kwistjoni. Fil-qosor il-punti ta' oggezzjoni mqajjma f'dan l-aggravju huma kif isegwi:

i. Illi skont hu r-rapprezentanti tal-Awtorita' ma tawx fix-xhieda taghhom raguni sabiex tiggustifika l-imposizzjoni ta' din il-kundizzjoni;
ii. Illi l-Kaptan Mario Grech fix-xhieda tieghu kkjarifika r-rapport mahrug minnu stess fejn f'dak l-istess rapport kien nizzel li din l-opra tal-bahar ser tkun irmiggjata u xehed li m'hemmx bzonn li tkun bilfors marbuta ma' irmigg izda li din tista' tigi anke operata meta marbuta bl-ankri;
iii. Jinsisti li t-Tribunal ikkonkluda hazin li r-rikorrent appellant kien accetta l-kundizzjoni li l-opra tal-bahar in kwistjoni tkun irmiggjata u jsostni li dan kien mpost fuqu ghaliex l-Awtorita'

ghamlitha cara li jekk ma kienx ser ikun hekk il-licenzja ma kinitx ser tinhareg u ghalhekk ma kellux triq ohra hlief jaccetta biex b'hekk tohrog il-licenzja bit-tama li l-attivita' tkun ekonomikament vijabbli anki fuq irmigg f'post wiehed. Isostni li izda rrizulta li din ma kinitx ekonomikament vijabbli w'ghalhekk huwa baghat ittra ufficcjali (esebita fl-atti) f'April, 2018 fejn informa l-Awtorita' li hu kien behsiebu jintavola applikazzjoni gdida u talabhom x'kellu jaghmel sabiex dan isir. Sussegwentement jinsisti li harget licenzja ohra datat 18 ta' Otturu, 2018 (fol. 4 et seq) w'ghalhekk kwalunkwe korrispondenza u laqghat li seta' kien hemm qabel ma jirrigwardawx l-aktar licenzja recenti mahruga lilu izda se mai jolqtu l-licenzja precedenti li harget fl-10 ta' Lulju, 2017;

iv. Ir-rikorrent isostni ulterjoment li anki li kieku kellu jigi kkunsidrat li huwa kien kuntent bil-kundizzjonijiet imposti dan xorta ma jrendix il-kundizzjonijiet kif imposti mill-Awtorita' bhala ragonevoli u mehtiega;

v. Dwar l-involviment tal-Awtorita' ghall-Ambjent u Rizorsi l-ERA jsostni li dan ma kienx neccessarju stante li l-bzonn ta' konsultazzjoni maghhom johrog biss f'kaz li huwa jkun obbligat li jorbot ma' mazzra filwaqt li jinsisti li dan m'ghandux ikun il-kaz fil-kaz odjern.

Illi dwar dawn il-punti l-Awtorita' appellata sostniet in generali li ma tqisx li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi kif inhu car mill-istess decizjoni u zzid li:

i. Dwar l-uzu biss ta' ankri l-Awtorita' tinsisti li t-Tribunal ikkunsidra l-fatturi kollha relevanti fid-decizjoni tieghu u kien wara li ghamel dan li wasal ghall-konkluzjoni li l-uniku mod verament sigur kif tista' topera l-opra tal-bahar tal-appellant huwa biss permezz ta' l-irmiggjar tal-istess opra. L-Awtorita' tinsisti li mill-informazzjoni fornuta lilha mill-istess appellant fosthom:

- id-dokumentazzjoni dwar il-manifatturazzjoni tal-istess opra;
- il-polza ta' assigurazzjoni tal-opra li timponi certu fond u certu distanza mill-kosta biex l-opra topera b'mod sigur;
- minn ezami tas-siti ndikati mill-appellant innifsu dwar fejn huwa xtaq jopera;
- b'eliminazzjoni tas-siti li rrizulta li huma ta' mportanza ekologika w'allura fihom ma tistax issir mazzra;
- il-fatt li permessi gewwa Kemmuna ghall-mazzri ma jinhargux la mill-Awtorita' ntimata u l-anqas mill-ERA.

Tenut kont ta' dak kollu suespost l-Awtorita' tinsisti li d-decizjoni li l-opra in kwistjoni tista' topera bl-aktar mod sigur meta tkun irmiggjata u mhux biss fuq l-ankri hija wahda ragjonevoli u gjustifikata.

L-istess Awtorita' ma taqbilx mal-argument mqajjem mir-rikorrent li l-Awtorita' strahet biss fuq dak dikjarat mill-Kaptan Mario Grech fis-survey tieghu dwar is-'sea worthiness' tal-opra in kwistjoni fejn skont ir-rikorrent dan gie nterpretat hazin li l-opra bilfors trid tkun irmiggjata biex topera. Tinsisti li l-Awtorita' ma mxietx biss fuq

dak li sostna l-Kaptan izda rat il-fatturi kollha applikabbli u l-ligijiet applikabbli u kien wara li ezaminat l-assjem kollu tal-informazzjoni fornuta lilha li waslet ghad-decizjoni li l-opra tista' topera biss b'mod sigur meta tkun irmiggjata u mhux biss bl-ankri.

(ii) Dwar l-argument tal-accettazzjoni da parti tal-appellant tal-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorita' appellata l-Awtorita' ssostni li l-iskambju ta' email kien biss parti mill-process. Dwar dak li skont l-Awtorita' l-appellant isejjah zewg licenzji mahruga mill-Awtorita', l-appellata ssostni li l-appellant jipprova jikrea konfuzjoni ghaliex fil-verita licenzja nharget wahda li kienet valida ghall-perjodu stabbilit (esebita a fol. 6 u 7) u konsegwentement inharget ohra bl-istess kundizzjonijiet bhal dik ta' qabilha izda perjodu divers esebita a fol. 4 u 5 tal-process. L-Awtorita' ghalhekk tinsisti li l-licenzja hija wahda izda mgedda bl-istess kundizzjonijiet. Ghaldaqstant skont l-Awtorita' t-Tribunal ghamel sew li applika l-istess kunsiderazzjonijiet ghaz-zewg dokumenti stante li jikkonsistu f'licenzja wahda. Ukoll izzid li huwa car mid-decizjoni li t-Tribunal ma strahx fuq dikjarazzjoni ta' accettazzjoni tal-kundizzjonijiet sabiex ta d-decizjoni tieghu izda qies ukoll il-fatturi kollha l-ohra fosthom dokumentazzjoni provduta mill-istess appellant u xhieda mressqa minnu.

(iii) Dwar li d-decizjoni tal-Awtorita' skont l-appellant tibqa' irragjonevoli anki jekk wiehed kellu jikkoncedi li kien hemm accettazzjoni tinsisti li tenut kont tac-cirkostanzi relattivi ghall-opra tal-bahar in kwistjoni d-decizjoni taghha hija gusta u ragjonevoli.

Temfasizza li l-awtorita' ma mponiet ebda kundizzjoni arbitrarja anzi dahlet f'ezami dettaljat u twil tat-talba tar-rikorrent billi ezaminat ic-cirkostanzi u r-rekwiziti tal-opra tal-bahar tal-appellant, applikat dawn ghas-siti poposti minnu minn fejn kien behsiebu jopera u kien biss fl-ahhar ta' process twil li harget il-licenzja bil-kundizzjonijiet kif imposti.

(iv) Dwar l-involviment tal-ERA fid-decizjoni, l-Awtorita' tiddefendi dan billi sostni li l-Awtorita' kienet fid-dover li tikkonsulta mal-ERA kif effettivament sar stante li rrizulta li biex issir mazzra jkun hemm il-bzonn ta' intervent fl-ibhra Maltin li jolqot l-ambjent marittimu partikolarment f'zoni protetti bhal uhud minn dawk indikati mill-appellant. Ghalhekk ghalkemm huwa minnu li l-ERA ma taghtix awtorizzazzjoni jew permessi fuq sigurta' izda fuq zoni ta' importanza ekologika dejjem ikun bzonn l-awtorizzazzjoni taghha.

Illi dwar dawn l-aggravji l-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha ta' Qorti ta' Appell minn decizjoni tat-Tribunal tirrileva li mhux kompitu taghha li terga tidhol f'ezami mill-gdid tal-apprezzament tal-provi kollha mressqa quddiem it-Tribunal sakemm ma jirrizultax xi fattur tant gravi li jkun jisthoqq li l-Qorti tvarja l-apprezzamnet tal-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti rat li fid-decizjoni tieghu it-Tribunal fl-ewwel lok emfasizza li mhux kompitu tat-Tribunal li jvarja l-poter ta' diskrezzjoni li ghandha l-Awtorita' fil-hrug ta' licenzji bhal dik

koncernata f'dan l-appell u li jissostitwixxi d-diskrezzjoni tieghu ghal dik tal-Awtorita'. It-Tribunal sabiex isahhah dan il-punt ghamel referenza ghal diversa gurisprudenza tal-Qrati li din il-Qorti tikkonkorda perfettament maghha. It-Tribunal ghadda konsegwentement sabiex fid-decizjoni tieghu jaghmel analizi ta' ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni tal-Awtorita' fil-kaz odjern u cioe' jekk id-decizjoni tal-Awtorita' tissodisfax dak li huwa mistenni minn persuna ragjonevoli. Il-Qorti rat li fl-analizi tieghu it-Tribunal dahal fid-dettal fil-process kollu li sehh quddiem l-Awtorita' qabel ma gie deciz li tinhareg il-licenzja bil-kundizzjonijiet kif imposti nkluz il-kundizzjoni li l-opra tal-bahar in kwistjoni trid tkun irmiggjata sabiex topera u li allura tista' tkun biss irmiggjata go Hondoq ir-Rummien la darba il-permess ghall-baga nhareg biss f'din il-Bajja.

Illi wara li analizzat l-atti tal-process kollu din il-Qorti tikkonkorda ma dak li kkonkluda t-Tribunal u cioe' li johrog evidenti li d-decizjoni tal-Awtorita' appellata ma ttehditx biss abbazi tar-rapport tal-Kaptan Mario Grech (li fix-xhieda tieghu kjarifika li hu ma kienx qed jintendi li l-opra trid tkun bilfors irmiggjata biex topera) izda wkoll hadet kont tar-rakomandazzjonijiet tal-ERA ghal dak li jirrigwarda siti protetti u wkoll dak li huwa neccessarju sabiex tigi assigurata s-sahha u s-sigurta' tal-persuni abbord l-opra msemmija waqt li din tkun qed tintuza u wkoll tat-terzi li jkunu qed jaghmlu uzu mill-istess ibhra fosthom opri ohra tal-bahar u ghawwiema.

Illi din il-Qorti, bhat-Tribunal, rat li ghalkemm l-Awtorita' hadet in konsiderazzjoni l-possibilita' li l-opra in kwistjoni topera biss bl-anki, waslet ghall-konkluzjoni li din il-possibilita' ma kinitx vijabbli ghal diversi ragunijiet fosthom sabiex jigi assigurat li l-opra tkun entro l-limiti ta' fond u metri boghod mill-kosta kif mpost mill-poliza tal-assigurazzjoni u wkoll sabiex jigi assigurat li l-opra ma ticcaqlaqx waqt l-uzu b'tali mod li ma jwegghux il-persuni li jkunu qed jaghmlu uzu minnha. L-Awtorita' waslet ghall-konkluzjoni li sabiex ikun hemm serhan ta' mohh fl-uzu tal-opra in kwistjoni, li hija l-ewwel wahda bil-partikolaritajiet taghha fil-Gzejjer Maltin, din kellha tkun irmiggjata waqt l-uzu taghha. It-Tribunal qies li din l-imposizzjoni kienet wahda ragjonevoli fl-ambitu tad-diskrezzjoni moghtija lill-Awtorita' mil-ligi. Il-Qorti taghmel ukoll referenza partikolari ghax-xhieda tal-Kaptan Mario Grech li ghalkemm xehed li mhux neccessarju li l-opra tkun irmiggjata ma baqa' izda bizzejjed l-ankri, sostna u emfasizza li l-opra waqt l-uzu taghha trid tkun wieqfa u cioe' marbuta sew u bil-magna mtifiha. Emfasizza wkoll li tista' tintuza biss fil-bnazzi u mhux fic-caqliq u li trid tkun go 'sheltered bay'. Johrog minn din ix-xhieda l-importanza li l-opra tal-bahar ma tkunx qed ticcaqlaq waqt l-uzu taghha u l-Awtorita' waslet ghall-konkluzjoni li sabiex dan jigi assigurat allura trid tkun marbuta f'post specifiku ma baga. F'dan l-ambitu l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunali li d-decizjoni tal-Awtorita' kienet wahda ragjonevoli fl-ambitu tal-poteri taghha u ma tqisx li ghandha tvarja d-diskrezzjoni kif hekk ezercitata mill-Awtorita' appellata.

Illi din il-Qorti tirrileva li ghalkemm evidentement huwa minnu li kieku r-rikorrent inghata licenzja li jista' jopera minn fejn irid permezz tal-ankri probabilment l-attivita' kienet tkun wahda aktar vijabbli, tqis izda li dik hija biss kunsiderazzjoni wahda minn hafna li kellha taghmel l-Awtorita' qabel tohrog il-licenzja in kwistjoni. Il-Qorti tqis li l-aspett finanzjarju tar-rikorrent ma ghandux ikollu aktar piz mis-sahha u s-sigurta' tal-persuni abbord, l-uzu minn terzi tal-madwar u wkoll tal-protezzjoni ta' ambjenti marittimi koncernati. In oltre huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-limitazzjoni li l-opra topera biss minn Hondoq ir-Rummien harget ghaliex s'issa r-rikorrent ma provdiex post iehor fejn inghata awtorizzazzjoni li ssir baga liema post irid jissodisfa rekwiziti ohra bhal li jkun go 'sheltered bay' kif insista l-istess Kaptan Grech apparti li jissodisfa d-distanzi mposti mill-manifattur u l-poliza tal-assigurazzjoni u huwa dak li baqghet dejjem temfasizza l-Awtorita' mieghu u cioe' li jekk jigi sodisfatt l-element ta' baga f'post iehor bil-permessi neccessarji l-kundizzjoni ta' minn fejn jista' jopera tkun tista' tigi varjata.

Din il-Qorti tqis ukoll li d-decizjoni tat-Tribunal ma kinitx biss ibbazata fuq il-komunikazzjoni permezz ta' e-mails li kien hemm bejn il-partijiet, wisq anqas dwar l-allegata accettazzjoni jew le tal-kundizzjoni izda dawn kienu biss uhud mill-fatturi fost hafna ohrajn li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni sabiex wasal ghall-konkluzjoni tieghu li fl-ambitu tal-poter tal-Awtorita' appellata d-decizjoni tal-istess Awtorita' li ggedded il-licenzja taht l-istess

termini u kundizzjonijiet mposti precedentement hija wahda gustifikata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan l-aggravju bir-ramifikazzjonijiet kollha tieghu kif esposti mir-rikorrent appellant.

9. It-Tieni Aggravju

Illi fit-tieni aggravju tieghu taht il-paragrafu 8 tar-rikors tal-appell l-appellant isostni li t-Tribunal ghamel ukoll apprezzament manifestament hazin tal-fatti u tal-ligi fejn cahad l-aggravju tad-diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellant da parti tal-Awtorita'. L-appellant jinsisti li l-Awtorita' intimata harget diversi permessi lill-bastimenti ohra li joperaw fl-ibhra Maltin liema bastimenti ghandhom zriezaq integrati fihom u li prattikamnet joffru servizz simili ghal dak tal-appellant.

Illi dwar dan il-punt l-Awtorita fir-risposta taghha baqghet tinsisti li l-opra tal-bahar tal-appellant mhijiex bhall-ohrajn msemmija minnu u li dwarhom ressaq ritratti u anki provi ohra. Tinsisti li filwaqt li l-ohrajn huma dghajjes normali li jgorru fuqhom passiggiera u huma muniti bi zriezaq li jintramaw u jizzarmaw skont il-htiega u l-kundizzjonijiet tat-temp, fuq ic-catra tal-appellant iz-zriezaq u trampolini installati huma permanenti kif fuq kollox

tikkonferma d-dokumentazzjoni prezentata mill-istess rikorrent ghalhekk ma hemm l-ebda lok li sehhet disrkiminazzjoni.

Illi fid-decizjoni tieghu it-Tribunal sostna kif isegwi:

'Kif irriżulta mix-xhieda u kif seta' anke josserva dan it-Tribunal mir-ritratti eżebiti, dawn l-opri tal-baħar huma bastimenti li meta jbaħħru ma jkollhomx dawn iż-żrieżaq imwaħħla. Meta jkunu marbuta poppa l-art mal-kosta u kif ukoll b'ankra, dawn jarmaw iż-żrieżaq, liema żrieżaq jitneħħew meta jkunu ser ibaħħru. Mill-provi miġbura jirriżulta li din l-opra tal-baħar in kwistjoni għal kuntrarju ta' dawn il-bastimenti l-oħra, hija f'forma ta' ċatra bi żrieżaq u *equipment* ieħor mwaħħal b'mod permanenti. Tant hu hekk li fl-istess Dok TM05 din l-opra tal-baħar hija deskritta bħala *amusement platform*. Hemm ukoll kundizzjonjiet li joħorġu mill-istess manifattur ta' din l-opra u mill- assigurazzjoni li japplikaw għal din l-opra tal-baħar in eżami. L-opra tal-baħar in eżami għandha kundizzjonijiet imposti bl-ispeċifikazzjoni tal-manifattur u l-assigurazzjoni tagħha li jagħmluha mpossibbli li din torbot bħalma jagħmlu dawn il-bastimenti li semma l-istess rikorrenti.'

Il-Qorti wara li qieset il-provi kollha fl-atti rat li ghalkemm huwa minnu li jezistu opri tal-bahar ohra li joffru s-servizz ta' zriezaq waqt li jkunu weqfin, jirrizulta li dawn iz-zriezaq u oggetti ohra jitpoggew meta l-opra tal-bahar tkun trakkata u marbuta mal-blat u wkoll mal-ankra. Jirrizulta wkoll minn diversi xhieda li tressqu fosthom ufficjali ta' nfurzar gewwa Kemmuna li dawn iz-zriezaq

jitpoggew wara li l-vapur ikun trakka u jergghu jitnehhew qabel ma jerga′ jbahhar ghaliex altrimenti lanqas ikun jista′ jbahhar. Irrizulta wkoll li dawn iz-zriezaq ma jintuzawx mill-bastimenti rispettivi meta r-rih ma jkunx jippermetti. Ghall-kuntrarju ta′ dawn il-bastimenti l-opra tal-bahar tar-rikorrent jirrizulta li tikkonsisti fi pjattaforma li fuqha z-zriezaq u l-oggetti ohra ta′ divertiment fosthom trampolini huma fissi u ma jistghux jitnehhew (ara ritratt a fol. 116). Kif sostna sew ix-xhud Dr. Robert Vassallo rapprezentant tal-Awtorita′ a fol. 170 et seq tal-process din l-opra tal-bahar partikolari hija l-ewwel wahda fil-Gzejjer Maltin u hija unika ghalhekk ma tistax titqabbel mal-opri tal-bahar l-ohra msemmija mir-rikorrent. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li meta tqabbel il-bastimenti l-ohra ma′ dik odjerna dawn ma jistghux jigu kkunsidrati bhala l-istess (′like with like′) w′ghalhekk dan l-element sabiex tirnexxi allegazzjoni ta′ diskriminazzjomi huwa nieqes. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li t-Tribunal kien korrett li cahad l-aggravju ta′ diskriminazzjoni mqajjem mir-rikorrent u l-Qorti tal-Appell ser tghaddi sabiex taghmel l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, il-Qorti ser tghaddi sabiex taqta′ w′tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa′ r-risposta tal-Awtorita′ appellata tghaddi sabiex tichad l-aggravji kollha tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta′ Revizjoni Amministrattiva appellata datata 20 ta′ Awwissu, 2020.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat

Vera kopja

D/Registratur